



# Anniversarju tal-Fidda għal Surmast tad-Deheb

**minn Andrea Cassar**

## *Fl-okkażjoni tal-25 sena mill-mewt ta' Mro Anthony Sammut*



Din is-sena s-Surmast Anthony Sammut jagħlaq ħamsa u għoxrin sena li ħalla din id-dinja. Kif ħafna jafu s-Surmast Sammut kien l-aktar surmast li dam fit-treġija tal-banda. Fi żmienu saru ħafnu kisbiet sbieħ mill-banda u nkitbu paġni sħaħ b'ittri tad-deheb.

Anthony Sammut bin Mikiel minn Birkirkara, tgħallem il-mużika għand is-surmastrijiet Vincenzo Costa u ibnu Carmelo. Kien Professur tal-kurunetta, Surmast tal-armonija, Direttur u Kompożitur. Kellu widna sensibbli u qalb edukata u moħħ intelliġenti. Kien surmast ta' diversi baned fosthom Banda San Pio X bejn l-1944-1989 (45 sena), Imperial, Nicola Isouard u dderieġa l-baned King's Own, Sant' Elena, il-Vitorja, La Stella u Leone ta' Għawdex. Fost ix-xogħlijiet insibu l-Innu Popolari lis-Salvatur kliem ta' Mons. Alfred Xuereb, innijiet ta' diversi qaddisin u l-Innu tal-banda San Pio X.

Għal dan il-għan, din is-sena waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja ta' żmien ir-Randan bl-isem ta' 'Il-Kristu tat-Tertuqa' il-banda fakkret il-memorja tiegħu permezz ta' marċ funebru li kien kiteb hu bl-isem ta' 'Il Santo Croce'. Barra minn hekk, dan il-bniedem li tant ħadem b'risq il-mużika f'raħalna u f'pajjiżna jitfakkar ukoll permezz ta' bust mill-isbaħ, xogħol tal-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi; liema bust jinsab ġewwa s-Sala tal-Arkivji.

Lil hinn mill-kliem, dati u fatti, jien flimkien mal-bord editorjali ddeċidejna li jkun xieraq li lis-Surmast Anthony Sammut infakkruh b'sensiela ta' ritratti b'mumenti li sawru dak li għandna u li qed ingawdu llum.

Grazzi Surmast!

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem...







